MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 225/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**
**vs**
**Marco Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Marco Grima, iben Thomas u Elena nee' Azzopardi, imwieled Hamrun fl-24 ta' Mejju, 1952 u li joqghod 'Dew House', Triq l-Arznell, San Paul il-Bahar, detentur ta' karta ta' identita numru 463452(M);

talli f'dawn il-gzejjer bejn it-28 ta' Jannar 1993 u l-21 ta' Awissu 1998 bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond "Dew House", Triq l-Arznell San Pawl il-Bahar, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku kkommetta serq ta' kwantita' ta' elettriku li jammonta ghal Lm167.104 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-korporazzjoni Enemalta;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' meter tad-dawl, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti mitluba li tapplika ukoll l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi l-Artikolu 264 tal-Kap 9 jitfa l-oneru tal-prova fuq l-imputat meta si tratta, fost ohrajn, ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigil ta' xi meter, jew l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmanta. Il-prosekuzzjoni ghandha biss l-oneru li tipprova f'kazijiet ta' dan it-tip, u sal grad minnha rikjest mill-ligi, l-ezistenza tal-ksur u/jew il-mezzi qarrieqa flimkien mal-fatt li l-imputat ikun d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond. Ippruvati l-istess ikun jispetta lill-imputat li jipprova hu li ma kienx jaf bil-ksur u/jew il-mezzi qarrieqa izda l-prova tieghu bizzejjed tkun sal-grad tal-probabbli.

Fil-kaz in disamina u ghalkemm jirrizultaw sufficjentement ppruvati mill-prosekuzzjoni z-zewg fatturi fuq imsemmija, madanakollu, difficilment l-provi fl-assiem taghhom jwasslu ghar-reita tal-imputat. Dan hu hekk principalment ghaliex ma jistax jinghad li fil-perjodu li ghalih tirriferi l-akkuza l-imputat kien proprjament id-detentur jew il-persuna li kellha l-kontroll tal-fond. Huwa fatt, mhux kontradett, li l-imputat dahal jirrisjedi fil-fond de quo f'Marzu, 1998 ghalhekk appena circa hames xhur qabel l-21 ta' Awissu 1998 u wara li kien xtrah f'Novembru 1997. F'kull kaz, qabel l-perjodu mill-31 ta' Jannar 1997 sas-16 ta' Mejju tal-istess sena, fejn jirrizulta l-isbalz fil-konsum, hu fatt accertat li l-imputat la kien ghadu xtara u wisq anqas kien dahal jirrisjedi fil-fond. Apparti dan hu rilevanti ferm x'irrizulta fl-inkjesta senjatament mill-indagni tal-espert nominat li t-toqba seghet zviluppat minhabba 'short'.

Ghal dik li hi t-tieni parti tal-akkuza u fejn allura l-oneru tal-prova hu mixhut interament fuq il-prosekuzzjoni l-prova li kien l-imputat li wettaq l-hsara ma tirrizultax u ma gietx pruvata.

Ghalhekk u fuq l-iskorta tal-fuq espost tiddeciedi l-kawza billi tillibera lill-imputat minn kull htija u piena stante li l-akkuzi ma jirrizultawx pruvati kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------